MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2014

Appell Kriminali Numru. 31/2014

Il-Pulizja

(Spettur Maria Stella Attard)

Vs

Fayton Falzon

Illum 10 ta' Lulju, 2014,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Fayton Falzon, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 242688M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fit-2 ta' Ottubru, 2013 ghall-habta tas-13:00hrs f'Parish Priest Mifsud, Santa Venera:

1) Iggestejt attivita kummercjali minghajr licenzja mill-Awtorita' regolatorja meta espona ghall-bejgh f'xi parti mit-triq vettura Nru: ABL 573 u vettura LCC-508 li kienu pparkjati f'post pubbliku ghal hsieb li jkunu esposti ghall-bejgh, immarkati bil-kliem 'ghall bejgh' jew kull kliem li jindikaw l-intenzjoni ndikata hawn qabel;
2) W' aktar talli ssar recidiv b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 2/3/2012, 27/4/2012 u 9/12/2011, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mhassra.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Jannar, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 5 tal-LS441.07 u l-Art. 5 tat-Tieni Skeda tal-LS441.07 u l-Art. 49 u 50 tal-Kap 9; sabet lill-akkuzat hati tal-akkuzi kif dedotti u ikkundanntu multa ta' hames mitt ewro (€500).

Rat ir-rikors tal-appellant minnhu pprezentat fit-30 ta' Jannar, 2014, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu sabet lill-esponent hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minflok minn kull imputazzjoni u htija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma is-segwenti u cioe':-

L-ewwel imputazzjoni hija nulla in kwantu hija ambigwa u tikkomprendi zewg reati f'imputazzjoni wahda

L-esponenti jinnota illi l-ewwel imputazzjoni hija kostruwita minn amalgamazzjoni ta' zewg reati differenti, kontemplati taht zewg dispozizzjonjiet differenti, sahansitra taht zewg ligijiet differenti.

Fil-fatt, l-ewwel impotazzjoni tigbor parti mill-artikolu 338(gg) tal-Kodici Kriminali ("iggestejt attivita' kummercjali minghajr licenzja mill-awtorita' regolatorja..") u parti mill-paragrafu 5, fit-Tieni Skeda tar-Regolamenti dwar il-Licenzji tal-Kummerc (LS 441.07). ("meta esponejt ghall-bejgh f'xi parti mit-triq vettura Nru: ABL 573 u vettura LCC-508 li kienu pparkjati f'post pubbliku ghal hsieb li jkunu esposti ghall-bejgh, immarkati bil-kliem 'ghall bejgh' jew kull kliem li jindikaw l-intenzjoni ndikata hawn qabel").

Dan irendi l-ewwel imputazzjoni nulla in kwantu ma jezisti ebda reat kif dedott kontra l-esponent. Inoltre, l-imputazzjoni hija ambigwa u ma taghtix lill-esponent ic-certezza legali tar-reat li tieghu qed jigi akkuzat, u wisq anqas tal-piena li huw kien qieghed jafgfacja. Il-prosekuzzjoni kellha l-obbligu (hekk kif l-esponent kellu d-dritt) li tindika b'mod car u indisputabbli l-imputazzjonijiet kontra l-esponent, b'mod illi huwa jkollu opportunita' shiha li jiddefendi lilu nnifssu. Jekk il-Qorti imbghad tiddikjara lill-imputat hati, l-istess Qorti ghandha tghid taht liema imputazzjoni u ghal-liema reat qeghda ssibu hati. Din hija vjolazzjoni li ggib in-nullita' tas-sentenza (ara argument simili fis-sentenza Il-Pulizija vs Piju Gafa', Qorti tal-Appell Kriminali, 18 ta' April, 1959) u dan peress li hija bazata fuq sejbien ta' htija fuq l-ewwel imputazzjoni. Naturalment, in-nullita' tal-ewwel imputazzjoni trendi it-tieni imputazzjoni, ossia dik dwar ir-recidivita' tal-espnent, inapplikabbli u kwindi ghandu jigi liberat minnha wkoll.

Nuqqas ta' provi tal-elementi li jiffurmaw l-ewwel imputazzjoni

Bla hsara ghas-suespost, l-esponent ilmenta wkoll li l-Ewwel Qorti kienet zbaljata meta sabithu hati ta' akkuza li ma tirrizultax mill-provi. Skond ix-xhieda tal-ufficjal tad-Dipartiment tal-Licenzji tal-Kummerc, il-licenzja kienet f'idejn certu Clint La Rosa, li biha kien imexxi n-negozju ta' Welcome Auto Dealer. L-esponent jikkonferma bil-gurament illi huwa kien xtara l-vettura u wara hadha x-showroom

tal-imsemmi La Rosa, u hallihielu hemm biex l-istess La Rosa, ibighha hu. Dan kollu jikkonfermah ukoll ix-xhud Roderick Agius. L-esponent Falzon jikkonferma wkoll li hu qatt ma wahhal tabelli jew sinjali li jindikaw li l-vettura qeghda ghall-bejgh peress li lanqas jaf jikteb. Bhala fatt, pero' jidher li fuq it-tabelli kien hemm indikat in-numru tal-mobile tal-esponent, izda dan sempliciment peress li l-vettura kienet tieghu.

L-Ewwel Qorti zbaljat li sabet lill-imputat hati ta' din l-imputazzjoni. Fl-ewwel lok, meta persuna sempliciment tbiegh oggett taghha personali, dan ma jfissirx li hija qed tiggestixxi attivita' kummercjali. Kieku jkun hekk, kull persuna li tkun trid tiddisponi minn xi oggett second hand u tbieghu jkollha, qabel xejn, iggib licenzja mid-Dipartiment tal-Kummerc. Biex wiehed igib ezempju, kieku jkun hekk, kieku l-pulizija tkun obbligata tinvestiga u tharrek lil kull min jirreklama l-bejgh ta' vetturi second hand fuq gurnali lokali. Din mhijiex is-sitwazzjoni li jikkontemplaw l-artikolu 338(gg) tal-Kodici Kriminali u/jew il-L.S. 441.07.

Barra minn hekk, mill-provi migjuba jirrizulta li l-esponent ma bieghhx u ma kienx intenzjonat li jibiegh hu l-imsemmija vettura. Hu semplicement fdaha f'idejn persuna debitament licenzjata biex tbieghha hi fil-kors tan-negozju taghha. Dal din ir-raguni l-elementi tal-ewwel parti tal-ewwel imputazzjoni ma jirrizultawx. L-esponent ghandu ghalhekk jigi liberat mill-ewwel imputazzjoni shiha kif dedotta kontrih.

Di piu, (u dan bla hsara ghal dak li hawn fuq inghad), l-esponent jilmenta wkoll illi lanqas it-tieni parti tal-ewwel imputazzjoni ma tirrizulta mill-provi migjuba.

L-Ewwel Qorti kellha quddiemha biss il-prova li (a) ma kienx l-esponent li halla l-vettura fit-triq (b) ma kienx l-esponent li mmarkaha bil-kliem 'ghall-bejgh' jew xi kliem li jindikaw din l-intenzjoni (c) l-esponent laqnas biss jaf jiktab. Il-prosekuzzjoni mkien ma gabet prova kuntrarja.

Konsegwentement, lanqas it-tieni tal-ewwel imputazzjoni ma tirrizulta, u ghal din ir-raguni wkoll, l-esponent ghandu jigi liberat mill-ewwel imputazzjoni shiha.

Sejbien ta' htija lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jirrileva li meta l-Ewwel Qorti sabithu hati, is-sejbien ta' htija ma ssodisfax ir-rekwizit essenzjali tal-oneru tal-prova fil-kamp penali. Huwa evidenti mis-suespost, li ma hemm ebda prova sufficjenti li turi, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, li l-esponent kienqed jiggestixxi negozju, li l-vettura esponiha f'post pubblku, u li kien l-esponent li mmarkaha b'sinjal li jindikaw l-intenzjoni tal-bejgh. Alru minn hekk, il-provi kollha migjuba jindikaw li l-esponent m'ghamel xejn minn dan.

"Hija regola tal-procedura kriminali li l-prova trid tkun shiha u soddisfacenti" (Pulizija vs Paolo Farrugia, App. Krim. (inf.), 1.8.1959) u li, bhala principju fondamentali tal-process gudizzjarju fil-kamp penali, il-provi migjuba jridu jwasslu ghas-sejbien ta' htija minghjar dubju dettat mir-raguni, "u jekk jezisti dak id-dubbju, dan imur favur l-akkuzat" (Repubblika ta' Malta vs Jose' Edgar Pena (App. Krim. (Superjuri) 5.12.2012; u Repubblika ta' Malta vs George Spiter, (App. Krim (Superjuri) 5.7.2002).

A skans tar-ripetizzjoni, kif gie spjegat hawn fuq, mill-provi kollha migjuba jirrizulta li l-esponent ma ghamel lanqas wiehed mill-fatti li taghhom gie misjub hati taht l-ewwel imputazzjoni kif dedotta kontrih. Dan wahdu ghandu jillibera lill-esponent mill-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih. Dan ukoll peress li johloq dubju serjissimu dwar il-htija tal-esponent. Id-dubju ghandu dejjem imur favur l-imputat u ghal din ir-raguni biss, l-Ewwel Qorti ma kellhiex issibu hati.

Id-dubju favur l-esponent jirrizulta wkoll fil-mertu. Ix-xhieda mtella' mill-prosekuzzjoni ma jghidu assolutament xejn dwar il-gestjoni o meno tal-attivita' kummercjali da parti tal-esponent. Lanqas ma jghidu xejn dwar kienx hu li espona xi vettura f'post pubbliku, jew jekk immarkhomx hu b'xi sinjar li juri l-intenzjoni tal-bejgh taghhom. Ghall-kuntrarju, l-esponent u x-xhud Roderick Agius it-tnejn xehdu bla tlaqliq li fit-2 ta' Ottubru, 2013, Feyton Falzon ma kien jiggestixxi ebda negozju, u li hu qatt ma hareg il-karozzi barra fit-triq u li qatt ma mmarkhom b'xi sinjal li juru li l-vetturi qeghdin ghall-bejgh, anke peress li lanqas jaf jikteb.

Dan kollu jammonta ghal dubju ragonevoli u serju li ghandu jmur favur l-imputat u li konsegwentement ghandu jigi liberat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba kotrih.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fit-tnejn (2) ta' Ottubru tal-elfejn u tlettax (2013) ghal habta ta' 13:00 hrs PC 1276 Frankie Zerafa u PS 700 Conrad Busuttil kienu qed jaghmlu spezzjonijiet fi Triq Kappillan Mifsud, Santa Venera biex jigu kontrollati l-car dealers illi kien hemm f'dik il-lokalità u waqt illi kienu fuq din l-ispezzjoni innutaw xi vetturi illi kienu qieghdin barra biex jinbieghu u kellhom tabella b'numru ta' mobile phone. Dawn kienu karozza tal-marka Hyundai bin-numru ta' registrazzjoni ABL 573 u ohra Diahatsu bin-numru LCC 508. Iz-zewg vetturi kellhom il-prezz kif ukoll zewg mobile phone numbers illi wiehed minnhom kien jghajjat lill-appellant; tant hu hekk illi PC 1276 cempel lill-appellant fuq wiehed minn dawn in-numri u dan irrispondih illi l-fond minn fejn kien qed jigi gestit in-negozju u cioé "Welcome Auto Dealer" hija proprjetà tieghu u assuma responsabiltà tal-vetturi. Fil-fatt il-Hyundai bin-numru ABL 573 tghajjat lill-kumpanija "Welcome Auto Dealer" li hija proprjetà tal-appellant.

Xehed ukoll Stephen Cachia ta' Transport Malta fejn informa lill-Qorti illi Diahatsu tal-marka Terios bin-numru LCC 508 hija registrata fuq certu Emanuel Cordina. Il-Hyundai ABL 573 kienet registrata fuq l-appellant taht l-isem Welcome Auto Dealer u fis-sebgha (7) ta' Ottubru tal-elfejn u tlettax (2013) u cioé f'xi granet wara l-ispezzjoni giet trasferita lil certu Salvu Sammut.

Keith Caruana mit-Trade Licencing Unit informa lill-Qorti illi l-appellant kellu licenzja biex jopera second hand car dealer il-Pietà taht l-isem ta' "Welcome Auto Dealer". Din il-licenzja giet irtirata mill-appellant fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Awwissu tal-elfejn u tlettax (2013) u fl-ewwel (1) ta' Lulju tal-elfejn u tlettax (2013) il-licenzja giet maqluba fuq Clint La Rosa.

L-appellant xehed quddiem din il-Qorti u qal illi huwa proprjetarju tal-fond "Welcome Garage" li llum jinsab mikri lil Clint La Rosa. Veru illi kellu licenzja biex jopera second hand car dealer u fit-tnejn (2) ta' Ottubru elfejn u tlettax (2013), meta saret l-ispezzjoni, kien ikkonsenja l-ahhar karozzi lil La Rosa biex dawn jinbieghu u l-

appellant hallihom fix-showroom. L-appellant ikkonferma illi fuq il-karozzi kien hemm contract number tieghu. Kien Clint La Rosa illi pogga l-vetturi fit-triq u pogga n-numru tal-mobile tieghu fuqhom. Però ikkonferma illi z-zewg karozzi kienu jghajtu lilu.

B'sentenza datata wiehed u ghoxrin (21) ta' Jannar tal-elfejn u erbatax (2014) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u ikkundannatu ghal hames mitt ewro (€500). L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell. L-ewwel aggravju tieghu jikkoncerna n-nullità tal-ewwel akkuza peress illi skont l-appellant dan jinkorpora zewg ligijiet differenti u cioé l-artikolu 338(gg) tal-Kodici Kriminali u l-paragrafu 5 tat-tieni skeda tar-regolamenti dwar il-licenzji tal-kummerc (LS 441.07). Argumenta illi jekk il-Qorti tiddikjara htija dwar dan ir-reat ghandha tghid taht liema imputazzjoni u ghal liema reat qed issib htija. La dan ma sarx hemm difett formali illi jwassal ghan-nullità tal-akkuza u sentenza.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti ma taqbel xejn ma' dan l-argument. Ma hemm xejn hazin billi jigu inkorporati zewg reati fl-istess akkuza basta dawn ikunu cari u meta l-Qorti taghti s-sentenza taghha tindika l-artikoli tal-ligi illi tahthom qieghda ssib htija. Hu ben saput illi c-citazzjoni jservi biss bhala "avviso da comparire" sabiex l-imputat ikun jaf id-data u l-hin fejn ghandu jidher u ta' xhiex ghandu jwiegeb u dana sabiex ikun f'pozizzjoni illi jipprepara d-difiza tieghu fi zmien utli. L-appellant kellu dawn l-opportunitajiet tant illi deher akkumpanjat b'avukat, tella' x-xhieda, sema' x-xhieda, saru trattazzjonijiet u anke xehed huwa stess. Madankollu l-Qorti xorta sabet htija u iddikjarat l-artikoli illi tahthom kienet qieghda ssib din il-htija. Il-Qorti ma ssib xejn hazin b'din il-procedura meta iddikjarat lill-appellant hati tal-ewwel akkuza kien jaf ghalxiex din il-htija qed tirreferi. Ma hemm l-ebda ambigwità aktar u aktar meta l-artikoli tal-ligi gew debitament ikkwotati. Ghalhekk il-Qorti tichad dan l-aggravju.

Ikkunsidrat:

L-appellant ilmenta ukoll dwar il-meritu fejn huwa ammetta illi l-vetturi kienu tieghu u kien hadhom fil-fond sabiex La Rosa jbieghhomlu. Kien La Rosa illi poggihom barra fit-triq u li kiteb in-numri tat-telefon fuqhom. L-appellant argumenta illi dana sar semplicement biex juri illi l-vetturi kienu tieghu però zgur illi ma kienx qieghed jiggestixxi attività kummercjali peress illi din l-attività ghaddiha fuq Clint La Rosa.

Ikkunsidrat:

Irrizulta assodat illi z-zewg vetturi kienu fi triq pubblika. Dawn kienu esposti ghall-bejgh bil-contract number tal-appellant fuqhom. Dik il-gurnata l-appellant ma kellux licenzja biex jiggestixxi attività kummercjali peress illi hu stess kien irtiraha xi xhur qabel. Meta cemplulu l-pulizija u kellmuh dwar il-vetturi l-appellant ammetta r-responsabiltà taghhom u qalilhom illi kienu tieghu u li kienu esposti ghall-bejgh. Din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni il ghala m'ghandhiex toqghod fuq il-verzjoni moghtija mill-pulizija. Dawn qieghdin jixhdu dwar dak illi qal l-appellant a tempo vergine u skont l-artikolu 658 tal-Kodici Kriminali kull haga li imputat jew akkuzat jistqarr sew bil-miktub kif ukoll bil-fomm tista' tittiehed bi prova kontra minn min ikun stqarrha. Ghalhekk din il-prova abbinata mac-cirkostanzi tal-kaz u cioé illi l-appellant kellu zewg vetturi fit-triq ghall-bejgh meta ma kellux licenzja biex jiggestixxi attività kummercjali twassal lil din il-Qorti ghall-konvinciment morali illi l-appellant kellu jinstab hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Ghalhekk din il-Qorti ssib illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz li din il-konkluzjoni tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------